MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2008

Rikors Numru. 909/2008

Fl-atti tal-Mandat ta’ Sekwestru Numru 510/06 tat-30 ta’ Marzu 2006 u dak bin-numru 518/06 tat-3 ta’ April 2006 fl-ismijiet:

Dottor Michele Martone u bhala prokuratur specjali ta’ l-assenti Massimo Martone
vs
Raymond Gatt fil-kwalita` tieghu ta’ kontrollur f’isem u ghan-nom tas-socjetajiet Bank of Industry Commerce and Agriculture Limited, Dolphin Builders Limited, Finindustry Limited, Harris Hughes and John Limited, President Hotels Limited, Carways Limited, Finexport Limited, Malta Maritime Services Limited, Malta Ropes Limited, Marine Enterprises (Malta) Limited, Marsa Industries Limited, Polymports Limited, Tradefin Limited, M. and P.P. Limited gia` Meat and Poultry Products Limited, H.P. and S. Limited, gia` Hugo Pace & Sons Limited, T.R. Limited, Ocean Towage Limited, Pabros Limited, John N Cassar and Company Limited, Maltese National Lines Limited, Rockyvale Alpino (Malta) Limited, M.I.D.C. Limited,

President Cleaners Limited, V.I.P. Limited, Maltese Properties Limited, Sinetmalta Limited, John Bezzina & Sons Limited, Universal Investment Company Limited u Sunshine Cruises Limited

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**

Rat ir-rikors ta' Raymond Gatt nomine li bih eccepixxa:

Illi Michele Martone nomine ipprezenta zewg mandati ta' sekwestru kawtelatorji ghall-ammont ta' Lm1,000,000 miljun lira maltin (illum €2329373.40) kull wiehed kontra s-socjetajiet intimati fil-kawza f'idejn l-erba' banek ewlenin f'Malta u cioe` HSBC Bank Malta plc, Bank of Valletta plc, APS Bank Ltd, u Lombard Bank (Malta) plc kif ukoll f'idejn il-Bank Centrali ta' Malta kif ukoll f'idejn Raymond Gatt personalment u f'idejn il-Professur Ian Refalo u dan sar *"in kwatela tal-pretensjonijiet u talbiet li l-esponenti proprio et nomine ddeducja permezz tar-rikors guramentat fid-29 ta' Marzu, 2006 fl-ismijiet hawn fuq imsemmija (Rikors numru 274/06/CFS)".*

Illi dawn il-proceduri, ossija l-kawza proprja, jinsabu differiti ghas-seduta tas-7 ta' Jannar 2009

Illi f'din il-kawza hemm intimat l-Avukat Generali in rappresentanza tal-Gvern ta' Malta ai termini tal-artiklu 181B subartiklu (2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi t-talbiet rikorrenti fl-imsemmija kawza huma fis-sens [1] illi l-konvenuti jew min minnhom jigu dikjarati li naqsu jesegwixxu l-obbligazzjonijiet minnhom assunti fit-tieni parti tal-klawsola 5 tal-ftehim tat-30 ta' Settembru 1991, **liema obbligazzjonijiet kienu garantiti mill-istess gvern intimat**, kif ukoll naqsu li jallokaw favur is-socjeta` l-fondi korrettement lilha dovuti, liema nuqqas ikkawza danni lir-rikorrenti, [2] li jigu likwidati d-danni sofferti b'rizultat ta' l-inadempjenza taghhom, [3] jigu ikkundannati jhallsu, jew min minnhom, dawk id-danni hekk likwidati u [4] sabiex l-esponenti jigi obbligat jaghti rendikont shih ta' l-amministrazzjoni u kontroll tieghu tas-socjeta` u flus

minnu migbura u dan fi zmien qasir u perentorju li jigi iffissat mill-qorti.

Illi dwar din l-ahhar talba ma hemm bzonn ta' ebda mandat u infatti l-atturi ma humiex qeghdin isejsu l-mandati taghhom relattivament ghal din l-ahhar talba taghhom.

Illi kif jiddikjara l-attur stess kemm fil-premessi tac-citazzjoni (ara premessa 12 tar-rikors promotur) kif ukoll fit-talbet attrici (ara l-ewwel talba hawn fuq ukoll riportata) u kif jirrizulta mill-istess kuntratt notarili tat-30 ta' Settembru 1991, esebiti bhala Dokument D mar-rikors promotur, l-agir tar-rikorrent odjern, fil-qadi tal-funzjonijiet tieghu, huma kollha kemm huma garantiti mill-Gvern ta' Malta. Il-kliem testwali uzat fil-kuntratt, wara li gie dikjarat li deher ukoll il-Ministru tal-Finanzi f'isem u in rappresentanza tal-Gvern ta' Malta huwa fis-sens illi *"hereby guarantees that the obligations in terms of Clause 5 will be honoured and that the Government will allow the proceeds to be transferred abroad."*

Illi ghalhekk, anke f'kaz li dak li qed jallega l-attur fir-rikors promotur huwa kollu minnu, u dan qed jinghad biss ghall-grazzja ta' l-argument ghax kif jirrizulta mill-eccezzjonijiet moghtija mir-rikorrent odjern in kontestazzjoni ghall-istess kawza, kull allegazzjoni u addebitu huwa vigorosament kontestat, kull nuqqas da parte tar-rikorrent odjern, kieku jezisti, huwa garantit ghal mija fil-mija mill-Gvern ta' Malta u ghalhekk, huwa sottomess bl-aktar rispett illi ma hemm lok ghal ebda mandat ta' sekwestru kawtelatorju kontra Raymond Gatt nomine u kwindi l-istess mandati ghandhom jigu mnehhija.

Illi Raymond Gatt nomine mhux qed jghid li l-atturi ma ghandhomx dritt, skond il-ligi, jipproteggu drittijiet bil-hrug ta' mandati kawtelatorji – dan huwa dritt sagrosant ta' kull kreditur pretiz. Izda dan irid jigi ezercitat minghajr ma tigi intralcjata l-amministrazzjoni tal-Gustizzja. Il-legislatur hass li kull persuna li jemmen li huwa kreditur ta' persuna ohra ghandu jithallielu d-dritt, li dejjem kellu, li jistitwixxi proceduri kawtelatorji. Il-legislatur, izda ma waqafx hemm

u ta d-dritta lill-konvenut/debitur potenzjali li jipprotegi drittijietu wkoll – ghalhekk gie promulgat l-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet nostrani.

Illi r-rikorrent odjern ihoss li ghandu d-dritt li jitlob it-tnehhija totali tal-mandati msemmija u cioe` li dawn il-mandati ma jibqghux jolqtu lill-banek lokali u lill-Bank Centrali kif ukoll lil Raymond Gatt u lill-Professur Ian Refalo precizament ghax ihoss li r-rikorrenti huma kawtelati perfettement bil-klawsola kontrattwali fuq imsemmija.  Infatti bazat fuq l-istess klawsola, kif jippremetti l-istess rikorrenti/attur, huwa stess kien nehha l-mandat ta' inibizzjoni li kien pprezenta sabiex ma tinbieghx il-lukanda Excelsior.

Illi indipendentement minn dak kollu u in aggunta ghall-istess, kif jafu ukoll ir-rikorrenti, ir-rikorrent odjern jiddependi assolutament mill-fondi li ghandu fil-pussess tieghu u li gew milquta bl-effetti tal-imsemmi mandati ta' sekwestru, sabiex jista' jamministra ahjar is-socjetajiet minnu amministrati.  B'risultat tal-mandati imsemmija kwalsiasi somma ta' flus li kellu r-rikorrent odjern f'idejh, debitament depozitata mal-banek sekwestratarji, giet milquta bl-effetti ta' l-imsemmi mandati u b'hekk ir-rikorrent odjern qed jigi prekluz milli jista' jibqa' jahdem.

Illi l-atturi, sal-lum sentejn wara l-prezentata tal-kawza, ma gabu assolutament ebda farka ta' prova dwar il-pretensjoni taghhom u cioe` li huma batew xi danni u wisq anqas li batew danni fl-ammonti ta' Lm1,000,000 miljun lira Maltin li hija stess ikkwantifikat li jirrapprezentaw id-danni allegatament sofferti b'rizultat ta' l-agir tar-rikorrent odjern.

Illi la darba l-atturi ma ssodisfawx, almenu fi grad ***prima facie***, kif titlob l-istess ligi, illi l-ammont minnhom reklamat huwa gustifikabbli, u la darba kwalsiasi pretensjoni ta' l-istess rikorrenti hija gia kawtelata da parti tal-Gvern ta' Malta, isegwi li l-mandati riferiti ghandhom jigu mnehhija.

Illi jigi ribadit li anke li kieku l-atturi issodisfaw l-element ***prima facie*** li r-rikorrent odjern ikkawzalhom xi danni u

allura li l-ammont reklamat gustifikat, xorta jibqa' l-fatt li l-istess danni huma garantiti li sejrin jigu sodisfatti mill-Gvern ta' Malta, kif fuq premess.

Illi r-rikorrent odjern jissottometti bir-rispett li abbazi ta' l-artikolu 836[1] (c), (d) u (f) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta huwa ghandu d-dritt li jitlob li din il-Qorti joghgobha tnehhi l-effetti tal-imsemmi mandati.

Ghaldaqstant, gie sottomess illi huwa evidenti li t-talba ta' l-atturi ghall-hrug tal-mandati odjerni mhux qieghed jikkawtela u jqieghed fiz-zgur id-drittijiet ta' l-istess rikorrent, izda sempliciment sabiex jivvessaw lir-rikorrent odjern u l-istess mandati jiksru d-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 836 [1] (c), (d) u (f) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant ir-rikorrent odjern talab it-tnehhija totali ta' l-istess mandati hawn fuq riferiti billi l-Qorti tordna li ma jibqghux jissussistu – kollox isir taht dawk il-provvedimenti li din il-Qorti joghgobha.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta ta' Michele Martone et li biha eccepixxa:

(i) Illi l-allegazzjonijiet ta' vesazzjoni da parti tal-Kontrollur fir-rikors tieghu hija mera invenzjoni billi l-pretensjoni ta' Michele Martone et giet debitament ikkonfermata bil-gurament u tifforma l-mertu ta' kawza pendenti quddiem din il-Qorti.

(ii) Illi l-garanzija li nghatat mill-Gvern ta' Malta fil-ftehim tat-30 ta' Settembru 1991, citat mill-Kontrollur rikorrenti, tirreferi limitament ghall-garanzija tal-hlas tal-pagament li jirrizultaw dovuti li jistghu jintbaghtu barra minn Malta; il-Gvern ta' Malta ma dahalx garanti ghall-operat tal-Kontrollur, ghall-inadempjenza tieghu u ghall-pretensjonijiet ta' danni naxxenti minn tali inadempjenza u proprju dan li jikkostitwixxi l-mertu tal-pretensjoni ta' Michele Martone et;

(iii) Illi dwar ir-referenza tar-rikorrenti li l-mandat ta' inibizzjoni imsemmi fil-ftehim tat-30 ta' Settembru 1991 li dan tnehha proprju ghax Michele Martone et kienu

sufficjentement kawtelati bil-garanzija tal-Gvern, gie rilevat illi dan mhux il-kaz billi l-mandat kien jinhtieg li jitnehha biex tkun tista' tinbiegh il-Lukanda kif jirrizulta mill-ewwel paragrafu ta' l-imsemmi ftehim;

(iv) Illi l-argument tar-rikorrent li l-pretensjoni trid almenu tirrizulta ***prima facie*** hu llum irrelevanti billi l-pretensjoni kawtelata fil-mandat giet segwita b'kawza;

Ghaldaqstant Michele Martone et issottometta illi t-talbiet tar-rikorrent Kontrollur ghar-revoka tal-mandat ta' sekwestru odjern ma jirrizultawx fondati u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi din il-Qorti tosserva li fir-rikorsi originali u l-atti sussegwenti hemm certu konfuzjoni dwar iz-zewg mandati mahruga u cioe` l-510/06 u l-518/06. Biex ma jigux multiplikati proceduri l-Qorti sejra tezamina l-aspetti relevanti ghall-iskop taz-zewg mandati.

Illi l-oppozizzjoni ta' Dr. Martone hija li l-allegazzjoni ta' vessazzjoni da parti tal-kontrollur hija biss invenzjoni. Ir-rikorrenti Raymond Gatt *nomine* sostna li l-mandat kien sar sempliciment biex jivvessawh u li l-istess mandat jikser id-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 836(1)(c)(d) u (f) tal-Kap 12. Irrizulta li l-garanzija moghtija mill-Gvern fil-ftehim tat-30 ta' Settembru 1991 tirreferi limitatament ghall-garanzija tal-hlas tal-pagament li jirrizultaw dovuti u jistghu jintbaghtu barra minn Malta izda b'ebda mod ghall-operat tal-kontrollur jew inadempjenza tieghu u pretensjonijiet ta' danni. Jinghad li l-pretensjoni ta' Dr. Martone giet segwita b'kawza li qed tiehu l-kors taghha. Il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi hu opportun li l-mandat jigi ridott wara li qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz pero` b'mod *prima facie*.

**D. KONKLUZJONIJIET:**
Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tirriduci l-ammont tal-mandat numru 510/06 ghal €1,200,000 u l-518/06 ghal €1,200,000.

Spejjez ta’ din il-procedura riservati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------